StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 3

**IR-RABA' SENA** **IL-MALTI** **IL-ĦIN: Sagħtejn**

**L-Isem : ________________________** **Il-Klassi : ___________________**

**L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| **Il-Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F** | **Ġ** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Marki** | **10** | **20** | **4** | **8** | **8** | **30** | **20** | **100** |
| **Il-Marki tal-istudent/a** | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

## Wisq aktar minn għar!



L-għerien joħolqu ċerta ġibda partikolari fil-bniedem. Forsi minħabba li fl-ewwel snin bikrin tiegħu dawn offrewlu kenn, filwaqt li ħitanhom servew bħala tila primittiva għall-espressjoni tal-eqdem artisti. Jista' jkun ukoll minħabba li fil-qalba mudlama tagħhom, l-għerien jagħtu lok għal kull xorta ta' ħolm u leġġendi fejn il-bniedem jista' jimraħ u joħloq mostri waħxin, kreaturi strambi, annimali feroċi, draguni fantastiċi, sħaħar potenti, friefet il-lejl li jixorbu demm in-nies u l-lista ma tispiċċa qatt. Fl-istess ħin huwa interessanti wkoll li saħansitra l-Bambin Ġesù għażel li jitwieled f'għar u allura hawnhekk l-atmosfera ta' dawn il-postijiet tinbidel f'waħda ħelwa, solenni u qaddisa, għalkemm fqira. *(par.1)*

Issa li beda Diċembru, ma teħodhiex bi kbira hekk kif tibda tara numru konsiderevoli ta' mudelli żgħar t'għerien iżejnu ħafna mid-djar tal-Maltin, kull wieħed mirqum bl-istil partikolari tiegħu, imma kollha jħaddnu dik l-istatwetta ċkejkna tat-tarbija divina. Madankollu, żgur li qatt ma bsart li anke f'25 pied taħt l-art, fis-silenzju antik tal-Għar Ta' Xerri, kelli nsib ukoll ix-xbieha tat-tfajjel ċkejken jitwennes mill-ġmiel tal-istalaktiti u l-istalagmiti tal-post. *(par.2)*

Żort bosta għerien f'diversi pajjiżi u kollha kellhom dik ix-xi ħaġa partikolari tagħhom: uħud kienu kbar ħafna, tant li biex dorniehom irkibna tren, f'oħrajn kellna nikru l-ġgieget tal-post għax il-kesħa kienet ixxoqq il-għadam, filwaqt li f'numru żgħir ħafna kien hemm ukoll taħżiżiet primittivi mal-ħitan. Did-darba fil-gżira t'Għawdex, fix-Xagħra, għand Ta' Xerri, sibt għar relattivament imdaqqas u li jista' jitqies bħala teżor ġeoloġiku. Imma nistqarr li l-aktar li laqatni f'dan il-post kien dak is-sens ta' merħba fil-familja, hekk kif numru ta' familjari minn Ta' Xerri, fosthom Manann i, Vicky, Joanne, u Joseph, ġew jiltaqgħu miegħi biex jirrakkontawli dwar is-sejba storika ta' dan l-għar. *(par.3)*

(Silta minn kitba ta' Fiona Vella li dehret f'*It-Torċa* tal-4 ta' Diċembru 2011)

| **A. FEHIM IT-TEST** | (10 marki) |
|---|---|

1. Agħti isem ieħor lil din is-silta. (marka)

______________________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Ikteb raġuni waħda għala l-għerien joħolqu ċerta ġibda fil-bniedem. (m

3. Għaliex l-atmosfera tal-għerien tinbidel f'waħda ħelwa, solenni u qaddisa, għalkemm fqira? (marka)

4. F'Diċembru x'tibda tara f'xi djar Maltin? (marka)

5. X'qatt ma basret l-awtriċi tas-silta? (marka)

6. X'rat l-awtriċi f'xi għerien li żaret? (marka)

7. Xi trid tgħid l-awtriċi bil-frażi *teżor ġeoloġiku*? (marka)

8. Taħseb li l-mawra fl-għar Ta' Xerri ġewwa x-Xagħra kienet waħda pjaċevoli? Xi jġiegħlek taħseb hekk? (3 marki)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | (20 marka) |
|---|---|

## GRAMMATIKA / MORFOLOĠIJA

1. Sib it-tajba billi tagħmel sinjal taħtha. (3 marki)

i. **Issa** hi konġunzjoni ta' (a) raġuni (b) kundizzjoni (ċ) żmien

ii. Il-konġunzjoni **Imbagħad** hi (a) magħquda (b) magħżula (ċ) frażi

iii. Il-konġunzjoni **Meta** hi (a) magħquda (b) magħżula (ċ) frażi



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Imla b'**avverbju** skont kif mitlub fil-parentesi. (3 marki)

i. Jekk ma jinqala' xejn __________ mmur mixja. (TAŻ-ŻMIEN)

ii. __________ tixtieqni niġi miegħek? (TAL-MISTOQSIJA)

iii. Fis-sajf il-Maltin u l-Għawdxin iħobbu joqogħdu ________. (TAL-POST)

3. Imla l-vojt b'kelma mnissla mill-kliem tal-ġenb. (2 marki)

i. Il-film li rajt kellu storja ____________________. **interess**

ii. "Oħroġ 'il barra ____________________." **immedjat**

4. Agħti z-zokk morfemiku ta': i. **edukazzjoni** __________ (2 marki)

ii. **ċċentra** __________

5. Immarka jekk il-verbi fis-sentenzi humiex **Transittivi** jew **Intransittivi**. (2 marki)

i. Manwel **kiteb** ittra lill-Prim Ministru. ___________________

ii. Anna tant kienet għajjiena li **raqdet** fuq is-siġġu. ___________________

**ANALIŻI TESTWALI**

6. *L-għerien joħolqu ċerta ġibda partikolari fil-bniedem. Forsi minħabba li fl-ewwel snin bikrin tiegħ**u** dawn offrew**lu** kenn… (par. 1).* Għal min/xiex qegħdin jirreferu l-partijiet b'sinjal taħthom? ___________________________ (marka)

7. *il-kesħa kienet ixxoqq il-għadam (par. 3)* tfisser:
(a) ma kinetx il-kesħa ___
(b) kienet kesħa tremenda ___
(ċ) kienet il-kesħa ___ (marka)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

8. Sib minn Paragrafu 1 il-kelma li tfisser **b'saħħithom** ________________ (marka)

9. Agħti kelma bl-istess tifsira flok: i. lok *(par. 1)* _______________

ii. mirqum *(par. 2)* _______________ (2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SINTASSI**

10. Għaqqad f'sentenza waħda: (marka)

Bdejt tgħajjarni. Inħobbok immens.

____________________________________________________

11. Kompli t-tieni sentenza billi żżomm it-tifsira tal-ewwel waħda. (2 marki)

Illum il-ġurnata ssib bosta nies li jħallsu l-kontijiet bil-*credit cards*.

Il-*credit cards* ____________________________________________

**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** (4 marki)

1. Liema idjoma mit-tema **L-Elementi** toqgħod għal din is-sentenza? (2 marki)

   Manwel inqabad jisraq u tkeċċa mix-xogħol; kemm għandu inkwiet u taħwid!

   ____________________________________________________

2. Ikteb sentenza b'kull qawl li ġej mit-tema **Is-Saħħa** u b'hekk tagħti t-tifsira tagħhom:

   Ftit laħam isebbaħ qattus; Is-saħħa m'hemmx prezzha (2 marki)

   ____________________________________________________

   ____________________________________________________

**D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV** (8 marki)

Agħżel **a** jew **b**. Ikteb madwar **60** kelma.

a. Għadu kif twaqqaf klabb għal min irid iżomm ruħu b'saħħtu. Int bħala s-segretarju/a ta' dan il-klabb se tħejji xi linji ġenerali li wieħed/waħda għandu/ha j/timxi fuqhom.

***Jew***

b. Hemm bżonn ta' pont bejn Malta u Għawdex? X'inhi l-opinjoni tiegħek?



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| **E. TIFTIX / TRAWWIM KULTURALI** | (8 marki) |
|---|---|

X'tagħrif irnexxielek tiġbor waqt li kont qiegħed/qiegħda tfittex dwar **Ninu Cremona** jew **Mikiel Anton Vassalli?** X'kontribut ta l-kittieb li għażilt għall-iżvilupp tal-Malti? Ikteb madwar **60** kelma.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**F. LETTERATURA** (30 ma

**Taqsima A: Ir-Referenza għall-Kuntest *(Bejn Ħaltejn)*** **(15-il marka)**

Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha:

## *Jien* (Victor Fenech)

Jien idealist –
nemmen f'dinja bla passaporti
bla fruntieri bla kulur.

Jien prattiku –
nemmen fil-lum fil-mewt fil-ħidma
fit-toqol tal-ftehim.

Jien romantiku –
nemmen fil-ġustizzja
fl-imħabba fis-sbuħija.

Jien realist –
nemmen fi ċkuniti
fl-iżball fl-iżolament.

Jien ribell/kompromessist –
nibni u nfarrak,
nemmen u niċħad,
nobgħod u nħobb.

Jien ħafna nies
u jien bniedem wieħed.

Jien … min jien?

a. Ikteb fil-qosor dwar l-introspezzjoni (awtoanaliżi) li jagħmel fih innifsu l-poeta. (2 marki)

b. X'inhu t-ton tal-poeżija? (marka)

ċ. Agħżel metafora mill-poeżija u fissirha. (2 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

d. Mill-poeżija sib (i) paradoss, (ii) mistoqsija rettorika. (2 m

e. Ikteb dwar il-metrika tal-poeżija. (2 marki)

**Taqsima B: L–imħabba f'Bejn Ħaltejn** **(6 marki)**

It-tema tal-imħabba tidher ta' spiss fix-xogħlijiet (poeżiji/proża) ta' *Bejn Ħaltejn*.
Ikkummenta f'madwar 60 kelma dwar xogħol wieħed.

**Taqsima Ċ: Il-Komponiment Letterarju** ***(Il-Ħarsa ta' Rużann)*** **(15-il marka)**

Agħżel **WIEĦED** u ikteb komponiment ta' madwar **150** kelma fuq karta separata:

a. Ir-rumanzett juri diversi realtajiet soċjali li għaddew minnhom missirijietna. Ikkummenta.

***jew***

b. Fisser kif il-ħarsa ta' Rużann tintiret minn ġenerazzjoni għal oħra.

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **300** kelma fuq karta separata.

1. Il-kwiet tal-kampanja
2. Ħdejn il-bieb tal-knisja
3. Iż-żgħożija l-isbaħ żmien?
4. X'titjib nixtieq li nara f'pajjiżi
5. It-tajjeb u l-ħażin tat-turiżmu
6. Kienet lejla xitwija ....

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers